# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

***(Laqgħa B'Urġenza)***

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 72/2024/09

**Data tal-laqgħa:** 15 ta' Frar, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fis-19:30hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Sindku*** |
| Joseph Schembri | ***Viċi Sindku*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

72.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 72.2 Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements* għas-sena 2023

72.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li Accountant & Management Team Ltd., l-*Accountants* tal-Kunsill, kienu ppreparaw il-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2023.

72.2.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħti spjegazzjoni ta' dawn il-*financial statements* lill-Kunsilliera preżenti biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

72.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħadmet mill-qrib mal-*accountant* biex tara li l-Kunsill ikun konformi ma' dak kollu mitlub mil-liġi.

72.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dwar il-*financial statements* għas-sena finanzjarja li għalqet f'Diċembru 2023. Hi qalet li din is-sena kienet għalqet b'defiċit għas-sena ta' €3,631. Apparti hekk il-*financial situation indicator* tal-Kunsill għalaq b'persentaġġ ta' 7.58%, żieda ta' 7.52% fuq is-sena preċedenti.

72.2.5 Wara diskussjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, ġie deċiż li dawn il-*Financial Statements* jiġu approvati.

72.2.6 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2023 jiġu approvati, kif ppreparati mill-*accountant* tal-Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

72.2.7 Għaldaqstant dawn il-*Financial Statements* għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv preżenti, biex jgħaddu għand in-National Audit Office, l-Awdituri tal-Kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 72.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

72.3.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

72.3.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir kif kienet aġġornata f'laqgħa numru 71 jiġifieri nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu, 2024 fl-16:30hrs.

72.3.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:15hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 27 ta' Marzu, 2024

**Mozzjoni Ref:** 353/24/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill japprova l-*Unaudited Financial Statements*, għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2023.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Frar, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**